

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7758 — Hutchison 3G Italy/WIND/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 58/11)

1. Fil-5 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha l-impriża Hutchison Europe Telecommunications SARL (il-Lussemburgu), ikkонтrollata minn CK Hutchison Holdings Limited ("CKHH", Hong Kong), u l-impriża VimpelCom Lussemburgo Holdings SARL (il-Lussemburgu), ikkонтrollata minn VimpelCom Ltd ("VCL", Bermuda) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta ġdidha (l-“IK”, il-Lussemburgu) permezz ta' kontribuzzjoni lill-IK tal-attivitajiet tan-negożju rispettivi tagħhom fl-Italja.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- CKHH huwa grupp multinazzjonal, bil-kwartieri tiegħu f'Hong Kong u elenkti fil-Honk Kong Stock Exchange Limited. CKHH għandu ħames negozji ċentrali: il-portijiet u servizzi relatati; il-bejgħ bl-imnut; l-infrastruttura; l-enerġija; u t-telekomunikazzjoni.
- VCL huwa grupp multinazzjonal, bil-kwartieri tiegħu f'Amsterdam u nnegożjat fuq in-NASDAQ Global Select Market. VCL jipprovd servizzi tal-leħen u tad-dejta permezz ta' firxa ta' teknoloġiji mobbli u fissi tradizzjonali u broadband f'14-il paxji taħbi diversi marki kummerċjali differenti.
- L-IK se tipprovd servizzi ta' telekomunikazzjoni mobbli u fissi fl-Italja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7758 — Hutchison 3G Italy/WIND/JV, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).